MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2007

Numru 1120/2006

Il-Pulizija
(Sp Joseph Agius)
vs
Brandon Bartolo, iben Alfred, imwieled l-Awstralja fil-11 ta' marzu, 1988

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fid-19 ta' april, 2006 għal ħabta tal-11.40 p.m. fi Triq il-Konvoy ta' Santa Marija, l-Imqabba, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti waqt li kien qed isuq karozza tal-marka Ford Fiesta, bin-numru tar-reġistrazzjoni BBM 135, ikkaġuna nċident stradali li fih ikkaġuna offiża ta' natura gravi li ġġib debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti ta' l-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ u li jġib sfeġju

gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn ta' Leandro Abela minn Ħal-Luqa, kif ġie ċertifikat minn Dr. Alan Drago MD ta' l-Isptar San Luqa.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fej ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' ottubru, 2007 fejn il-partijiet qablu li l-feriti li ġarrab Leandro Abela huwa ta' natura gravi 'per durata'.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' ottubru, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 216(1)(d) u 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannahx għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt lira maltin (Lm500).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------